HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn kullimkien

Il-Hdax-il Sena Nru. 64 | HAL BALZAN | LULJU/SETTEMBRU 1983

EDITORJAL:

IT-TEMP QALEB

It-temp beda jiksaħ waqt li l-ġurnata bdiet tiqsar. Fi ftit jiem dawk kollha li marru għall-villeġġjatura ġew lura fir-raħal tagħhom. Il-mara taddar bdiet tipprepara l-ħwejjeġ tax-xitwa u twarrab dawk tas-sajf. Għadda sajf ieħor minn fuq ħajjitna u ġejja xitwa oħra. Hawn min igħid li x-xitwa ttih is-saħħa waqt li oħrajn igħidulek li tħallih bla saħħa. Kulħadd iħares lejn ix-xitwa min-nuċċali tiegħu. Huwa fatt, li bħal dejjem, ġej fuqna episodju ġdid fuq ħajjitna. Ġejja ħarifa/xitwa li għalkemm tixbaħ lil dik ta' snin oħra mhix dik ta' snin oħra.

Il-ħarifa, jew aħjar żmien ix-xitwa ta' din issena huwa żmien li jew ser igħin il-futur tagħna jew ser itebba' l-futur tagħna. Għada jiddependi mil-lum u għada jkun tajjeb skond kemm ikun tajjeb illum, għalhekk l-għaqli jippjana sewwa biex il-futur tiegħu jkun ħieni u kif jixtieq hu. Biex dan ikun jista' jsir wieħed irid jorganizza ruħu u jaħdem biex dan jirnexxi.

Għal persuna miżżewġa bil-familja tagħha, ittrobbija tal-ulied u l-ħidma tal-għaqda u l-bżonnijiet tal-familja għandhom jieħdu preferenza fuq kull attivita' oħra. Mhux qegħdin ngħidu li persuna miżżewġa m'għandhiex tkun membru attiv f'xi soċjeta', organizazzjoni jew każin, anzi dan huwa tajjeb u bżonjuż kemm għall-individwu kif ukoll għar-raħal tiegħu. Biex titkabbar il-kultura u xi għan filantropiku jeħtieġ ikun hawn għadd sabiħ ta' individwi li jinteressaw rwieħhom f'dak kollu li jkun qiegħed jiġri madwarhom. Jeħtieġ, imma, wieħed joqgħod attent li dawn l-attivitajiet ma jipperikolawx l-għaqda tal-familja tiegħu. Fuq kollox il-familja għandha d-dritt li jkollha ħin għaliha fejn il-membri jirrekrejaw u jitolbu flimkien. Huwa dmir ta' kull membru li jgħin bil-parteċipazzjoni tiegħu biex dan iseħħ.

L-ulied, speċjalment dawk li għadhom qegħdin jistudjaw, f'dawn iż-żmenijiet li ġejjin jibdew jagħmlu għadd ta' proponimenti u f'ħafna drabi għall-ewwel ikun hemm ħafna entużjażmu. Dan l-entużjażmu jeħtieġ jibqa' dejjem. hemm. Għaliex jekk għall-ġenituri għada jiddependi mil-lum kemm igħodd iktar għaż-żagħżugħ li għadu fl-ewwel passi tal-ħajja tiegħu!

Ix-xogħol tal-istudent, l-istudju jiġi l-ewwel u qabel kollox. Jekk jippjana sewwa l-ħin tiegħu għandu jsib żmien kemm għall-istudju kif ukoll biex jirrekreja ruħu u anke li jattendi fil-klabb, għaqda jew soċjeta' preferita tiegħu.

Fuq kollox il-futur tagħna huwa l-mera jew aħjar ir-riżultat tal-ħidma tagħna llum. Mhux kollox jiddependi minnek imma l-parti tiegħek kulħadd jistennieha.

Il-Madonna fil-Filatelija Maltija

minn
ANTHONY FENECH

Ħafna huma l-bolli maħruġa mill-Posta ta' Malta, li għandhom suġġett reliġjuż. Insibu bolli li jfakkru n-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, il-Kungress Ewkaristiku ta' l-1913, knejjes u katidrali u statwi ta' qaddisin oħra; iżda f'din is-Sena Marjana, l-aktar li jolqtuna huma dawk il-bolli li jfakkruna fil-Madonna u fil-qima li l-Maltin dejjem taw lil din Ommna tassema.

F'Lulju ta' l-1951 ġie mfakkar hawn Malta s-Seba' Ċentinarju ta' meta l-Madonna tat l-Iskapular lil San Xmun Stock. Għal din l-okkażjoni ħareġ sett ta' tliet bolli b'valuri ta' 1d (ħadra), 3d (vjola) u 1/- (sewda), li juru x-xbiha qaddisa li hija meqjuma fil-Knisja tal-Karmnu, l-Belt.

Il-Papa Piju IX pproklama, fl-1854, id-Domma tal-Kunċizzjoni Mmakolata ta' Marija Santissima. Mitt sena wara, il-Knisja Kattolika żammet Sena Marjana biex tfakkar l-ewwel Ċentinarju minn din il-Proklama. Il-Posta ta' Malta' ngħaqdet f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet u ħarġet sett ta' bolli b'valuri ta' 1½d (ħadra), ta' 3d (kaħla) u ta' xelin (sewda) li juru l-pittura tant devota tal-Kunċizzjoni li tinsab fil-Kolleġġjata ta' Bormla.

Fis-7 ta' Settembru 1962, ħareġ sett ta' erba' bolli li jikkommemoraw l-Assedju l-Kbir. Il-bolla (kaħla) bil-valur ta' 2d, turi x-xbiha mirakoluża tal-Madonna ta' Damascena, ta' Andrea del Bresciano. Din kienet saret bħala ringrazzjament lill-Madonna talli l-Ordni ħarġet rebbieħa fuq it-Torok fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565.

Żewġ bolli oħra minn sett ta' erba bolli li ħarġu fl-24 ta' Lulju 1971, juru l-statwa tal-Bambina meqjuma fil-Bażilika ta' l-Isla. Il-Maltin dejjem irrikorrew għand il-Madonna kull meta l-għadu ħabat għalihom u dejjem ħarġu rebbieħa.

Ix-xbiha tal-Madonna tidher ukoll fuq il-bolli tal-Milied li bdew joħorġu kull sena sa mill-1964. Ħafna minn dawn is-settijiet juru x-xena tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, bil-Madonna u San Ġużepp.

Aħna l-Balzanin ma nistgħux ma nitqanqlux meta ninnotaw li mis-sena 1977 'l hawn, ix-xbiha tal-Lunzjata, it-tħabbira ta' l-Anġlu Gabrijel lil Marija li kellha tkun Omm Alla, dehret tliet darbiet fuq il-bolli Maltin. Dawn it-tliet bolli ħarġu:

— fit-30 ta' Marzu 1977; bil-valur tat-2ċ fl-ewwel sett tat-Tapizzeriji, fuq pittura ta' Pietru Pawl Rubens (1557-1640);

— fis-7 t'Ottubru 1980; bil-valuri ta' 2ċ5m u 12ċ, 3ċ fis-sett tal-Milied 1980, li juru pittura ta' l-artist Malti Anton Inglott (1915-1945) u

— fis-6 ta' Settembru 1983; bil-valur ta' 2ċ, 1ċ, fis-sett tal-Milied 1983, li hi meħuda minn manoskritt tal-ħmistax il seklu li jinsab fil-Librerija Nazzjonali ta' Malta.

Dawn il-bolli m'humiex ħlief xhieda ħajja ta' kemm il-Maltin dejjem għożżew 'il-Madonna li dejjem sabuha lesta biex tgħinhom, kull meta rrikorrew lejha. Nisimgħu lil Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali:

"U ħlomt ħolma tal-ġenna
— dehra ġdida! —
Rajtek tkebbeb bħal star,
Tfajla Lhudija
Li kienet xebba u kellha 'l binha f'idha."

NIFIRHU LIL ZEWG ZGHAZAGH BALZANIN

Nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru, waqt Lejla Turistika li saret fi Pjazza Santa Margerita, Bormla, il-Ministru tat-Turiżmu, is-Sur Joe Grima, qassam il-premijiet lir-rebbieħa tal-kompetizzjoni li kienet organizzata mill-Ministeru tat-Turiżmu fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Turiżmu, li sar fl-24 ta' l-istess xahar. Fost ir-rebbieħa kien hemm Adrian Zahra u Michelle Gatt it-tnejn minn Ħal Balzan, li fil-kompetizzjoni ġew l-ewwel u t-tieni rispettivament.

Din il-kompetizzjoni kienet maqsuma f'żewġ kategoriji, waħda għall-kbar u l-oħra għaż-żgħar. Il-kompetituri kellhom jiktbu 'essay' ta' madwar 500 kelma bit-titlu "Jien u t-Turist". Adrian Zahra rebaħ l-ewwel premju fit-taqsima tal-kbar, u għalhekk ingħata żewġ biljetti għal Ruma, filwaqt li Michelle Gatt rebħet it-tieni premju fl-istess sezzjoni, u ngħatat bi 12-il lira kotba.

Lil dawn iż-żewġ żgħażagħ Balzanin nifirħulhom minn qalbna u nawgurawlhom aktar suċċessi fil-ġejjieni. Fl-istess ħin ninkoraġġixxu lit-tfal u ż-żgħażagħ kollha tagħna sabiex dejjem juru interess u jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet simili, għax dawn jiswewlhom ta' ġid fl-edukazzjoni tagħhom.

BALZAN
BUTCHER
SHOP

FALZON BROS.

107, MAIN STREET, BALZAN

"HAL BALZAN"
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'ĦAL BALZAN'
c/o Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Ħal Balzan.
Stampat fil-
Lux Press
Ħamrun.

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Bdew il-ħajja nisranija

Rachel Busuttil
Daniel Borg
Andrew Busuttil
Marco Paolo Borg
Clayton Bonnici
Edmond Cassar
Mario Vincent Mifsud
Alison Chetcuti
Daniel Vella
Carolina Camilleri
Edward Zerafa
Reuben Briffa
Adrian Sargent
Donna Spiteri
Michelle Cassar
Natasha Spiteri
Christopher Bray
Nicholas Bray
Alfred Maurice Stagno Navarra
Paul Zammit
Dorianne Muscat
Svetlik Muscat
Fallon Grech
Marlene Frendo
Jonathan Paul Said
Alison-Marie Borg Galea
Krista Cassar
Jonathan Grech

Iffurmaw familji ġodda

Aldo Mifsud ma' Maria Sammut
Mario Abela ma' Eithne Micallef
Joseph Dingli ma' Diane Grima
Michael S. Attard ma' Lucienne Muscat
Emanuel Compagno ma' Carmela Xuereb

Għaddew għall-ħajja bla tmiem

Joseph Ellul
Carmelo Cutajar
Giovanni Attard
Sister Helena Azzopardi
Carmela Agius
Joseph Spiteri Debono
Annunziato Mifsud
John Muscat
Iraide Fenech
Valentino Borg
Maria Buhagiar
Sebastian Mifsud
Calcedonia Mangion
Alfred Schembri
Carmela Debattista
Salvu Gauci
Violet Craig

TAGHLIM TAL-MUŻIKA B'XEJN FIL-KAŻIN TAL-BANDA SAN GABRIEL KULL NHAR TA' TLIETA U NHAR TA' ĠIMGHA MILL-5.00 p.m. 'IL QUDDIEM.

X'ġara fil-Mundial tal-Football '82

minn louiSPORTelli

Is-sena li għaddiet, id-dilettanti tal-football hawn Malta ngħaqdu ma' miljuni oħra mad-dinja kollha biex segwew bl-akbar reqqa u attenzjoni wieħed mill-akbar spettakoli li toffri d-Dinja ta' l-Isport — il-Finali tat-Tazza tad-Dinja li s-sena l-oħra saru fi Spanja u li ġew mirbuħa mill-Italja.

Din kienet it-tielet darba li l-Italja rebħet dan it-titolu mondjali — id-darbtejn ta' qabel kienu fl-1934 meta l-istess finali ntlagħbu l-Italja u fl-1938 meta dawn intlagħbu fi Franza.

B'hekk issa l-Italja laħqet lill-Brażil li huma wkoll rebħu dan it-titolu tliet darbiet — fl-1958, 1962 u 1970 meta l-finali saru fl-Isvezja, fiċ-Ċili u fil-Messiku rispettivament.

Il-polemiki ma naqsux. Anzi nistgħu ngħidu li għadhom sejrin sal-lum b'mod partikolari dwar teams nazzjonali Ewropej li bħal issa qegħdin fil-fażi preliminari tat-Tazza Ewropea tan-Nazzjonijiet li l-finali tagħha se ssir fi Franza fis-Sajf li ġej.

Għalhekk ħsibna li għal dawk kollha li jħobbu r-rekords u għal dawk li jridu jagħmlu referenza għal dak kollu li sar fi Spanja, qegħdin illum nippubblikaw għalihom l-istatistika kollha tat-Tazza tad-Dinja 1982 li fiha hemm mhux biss l-iskors kollha, iżda wkoll l-ismijiet ta' dawk li skurjaw, il-grounds fejn intlagħbu l-partiti, klassifiki, goal-scorers eċċ. eċċ., li aħna żguri huma ta' interess kbir għall-qarrejja tagħna.

It-Tnax-il Edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja

SPANJA 1982

13 ta' Ġunju — 11 ta' Lulju

GRUPP I

Italja	0	Polonja	0	Virgo
Peru	0	Kamerun	0	La Coruna
Peru	1	Italja	1	Virgo

Skorjaw: Conti għall-Italja
Collovati (a.g.)

Polonja	0	Kamerun	0	La Coruna
Peru	1	Polonja	5	La Coruna

Skorjaw: La Rosa għall-Peru
Smolarek, Lato, Boniek, Buncil, Ciolek għall-Polonja

Italja	1	Kamerun	1	Virgo

Skorjaw: Graziani għall-Italja
M'Bida għall-Kamerun

Klassifika

	L	R	D	T	F	K	Pti
POLONJA	3	1	2	0	5	1	4
ITALJA	3	0	3	0	2	2	3
Kamerun	3	0	3	0	1	1	3
Peru	3	0	2	1	2	6	2

L-Italja għaddiet għax skurjat aktar mill-Kamerun

GRUPP II

Ġermanja Fed.	1	Alġerija	2	Gijon

Skorjaw: Rummenigge għall-Ġermanja
Madjer, Bellomi għall-Alġerija

Ċili	0	Awstrija	1	Oviedo
Ġermanja Fed.	4	Ċili	1	Gijon

Skorjaw: Rummenigge 3, Reinders għall-Ġermanja
Moscoso għaċ-Ċili

Alġerija	0	Awstrija	2	Oviedo

Skorjaw: Schackner, Krankle

Alġerija	3	Ċili	2	Oviedo

Skorjaw: Assad 2, Bensaoula għall-Alġerija
Neira, Letelier għaċ-Ċili

Ġermanja Fed	1	Awstrija	0	Gijon

Skorja: Hrubesch

Klassifika

	L	R	D	T	F	K	Pti
ĠERMANJA FED.	3	2	0	1	6	3	4
AWSTRIJA	3	2	0	1	3	1	4
Alġerija	3	2	0	1	5	5	4
Ċili	3	0	0	3	3	8	0

Il-Ġermanja u l-Awstrija għaddew għax kellhom differenza ta' goals aħjar mill-Alġerija.

GRUPP IV

Arġentina	0	Belġju	1	Barcelona N. Camp
Ungerija	10	El Salvador	1	Elche

Skorjaw: Kiss 3, Fazekas 2, Nyilasi 2, Poloskei, Toth, Szentes għall-Ungerija
Zapata għal El Salvador

Arġentina	4	Ungerija	1	Alicante

Skorjaw: Maradona 2, Bertoni, Ardiles għall-Arġentina
Poleskei għall-Ungerija

Belġju	1	El Salvador	0	Elche

Skorja: Coeck

(Ikompli f'paġna 4)

Starlets
284 HIGH STREET,
BALZAN
STATIONERY,
TOYS,
PAPER BACKS,
NEWSPAPERS
AND
CIGARETTES
TELEPHONE: 41644

Vitafoam
ISEM TA'
GARANZIJA
Prodotti —
• SAQQIJET
• IMHADDED
• CUSHIONS U AFFARIJIET OHRA TAL-FOAM
Vitafoam Limited
INDUSTRIAL ESTATE,
SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

L-Istorja tal-Kunjomijiet f'Hal Balzan - (2)

F'din il-ħarġa qegħdin inħarsu lejn il-kunjomijiet f'Hal Balzan bejn is-sena 1789 u dawk tas-sena 1899 — snin li raw bdil f'għadd ta' kunjomijiet u dħul ta' kunjomijiet ġodda.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

Sena 1789

Popolazzjoni: 488

Aquilirna 1; Attard 4; Azzopardi 4; Azzopardo 2; Bezzina 1; Bonanno 1; Bondi 1; Bonello 2; Borg 23; Brincat 1; Calleja 2; Camilleri 1; Cassar 3; Chetcuti 1; Debono 4; Dingli 5; Ebejer2; Falzon 7; Farrugia 1; Fenech 5; Formosa 1; Gafa 1; Gatt 2; Genuis 1; Grech 4; Grima 2; Grixti 33; Giove 1; Magri 2; Magro 1; Mallia 1; Manduca 1; Micallef 7; Mifsud 3; Muscat 11; Pace 3; Parnis 2; Pirotta 1; Pisano 1; Portelli 1; Said 1; Saliba 1; Sammut 4; Sant 1; Scerri 1; Schembri 4; Sciberras 1; Stivala 1; Vassallo 3; Vella1; Zammit 6; Zarb 5; Zimech 1. (9)

Fis-sena 1789 kien hawn 53 familja b'kunjom differenti.

Borg;

Kien hawn 23 familja 11-il familja Muscat.

Kien hawn 7 familji Falzon u 7 familji Micallef.

Sena 1799

Popolazzjoni: 490

Aquilina 2; Attard 5; Azzopardi 5; Bonanno 1; Bonello 1; Bonnici 1; Borg 13; Bezzina 1; Calleja 1; Camilleri 1; Cassar 1; Cauchi 1; Chetcuti 1; Debono 3; Dingli 6; Ebejer 2; Falzon 9; Farrugia 22 Fenech 7; Frendo 3; Galea 2; Gatt 4; Gauci 1; Giove 1; Grech 66; Grixti 13 Magri 2; Mallia 2; Michallef 3; Mifsud 2; Muscat 14; Pace 2; Parnis 1; Pirotta 1; Pisani 1; Saijt (Said) 2; Saliba 1; Sammut 3; Schembri 4; Sejchel (Seychell) 1; Stivala 2; Vassallo 3; Vella 1; Xerri 1; Zammit 5; Zarb 6; Zimech 1. (10)

Fis-sena 1799 kien hawn 47 familja b'kunjom differenti.

Din id-darba nsibu li l-kunjom Borg ma baqax jiddomina fl-familji Balzanin, ħadlu postu l-kunjom Muscat, għax kif rajna sa missena 1769, dan il-kunjom beda jiżdied. Din id-darba nsibu li l-kunjom Muscat kien f'14-il familja. Warajh jiġi l-kunjom Borg li nsibuh fi 13-il familja. U nsibu li l-kunjom Falzon kien f'9 familji.

Sena 1809

Poplazzjoni: 527

Abela 1; Abdilla 1; Agius 2; Attard 3; Azzopardi 3; Bezzina 1; Bonanno 2; Bonnici 1; Borg 16; Bosio 1; Brincat 1; Cachia 1; Calleja 1; Camilleri 4; Cassar 1; Catania 1; Chetcuti 1; Ciantar 1; Cini 1; Cuschieri 1; Debono 4; Debrincat 1 Dingli 33 Dos 1; Ducal 1; Ebejer 3; Enguanes 1; Falzon 7; Farrugia 1; Fenech 3; Frendo 2; Galea 3; Gatt 2; Grech 4; Grixti 2; Magri 1; Mallia 2; Micallef 6; Mifsud 3; Muscat 14; Pace 2; Parnis 1; Pirotta 1; Pisani 1; Said 2; Saliba 1; Sammut 4; Schembri 1; Seychell 1; Stivala 1; Vassallo 1; Vella 3; Vitali 1; Xicluna 1; Zammit 8; Zarb 8. (11)

Fis-sena 1809 kien hawn 56 familja b'kunjom differenti.

Il-kunjom Borg reġa' ħa s-supremazija. Insibu 16-ilfamilja bil-kunjom Borg. Il-kunjom Muscat insibuh f'14 il-familja. U l-kunjomijiet Zammit u Zarb fi 8 familji.

Sena 1819

Poplazzjoni: 607

Abdilla 1; Agius 1; Apap 1; Attard 2; Azzopardi 4; Bezzina 1; Bonanno 1; Bonnici 2; Borg 19; Brincat 3; Calleja 1; Camilleri 5; Cassar 1; Catania 1; Chetcuti 1; Ciantar 1; Cini 1; Circop 1; Debono 9; Depiro 1; Dingli 4; Duca 1; Ebejer 2; Falzon 7; Farrugia 2; Fenech 3; Frendo 1; Galea 3; Gatt 1; Grech 6; Grima 2; Grixti 2; Magri 1; Mallia 2; Mercieca 1; Micallef 4; Mifsud 2; Muscat 15 Pace 2; Parnis 1; Pirotta 1; Pisani 2; Said 1; Sammut 6; Schembri 1; Stivala 2; Scicluna 1; Vassallo 3; Vella 3; Zahra 2; Zammit 7; Zarb 8. (12)

Fis-sena 1819kie n hawn 52 familja b'kunjom differenti.

Il-kunjom Borg insibuh f' 19-il familja. Insibu 15-ilfamilja bil-kunjom Muscat. U 9 familji bil-kunjom Debono.

Fil-medda ta' 110 snin, mis-sena 1709 sas-sena 1819, rajna li f'Hal Balzan kien hawn kunjomijiet li daħlu biex jibqgħu u oħrajn li deħru għal ftit taż-żmien u spiċċaw. Għandi nifhem li min il-lum iġib xi kunjom minn dawk li deħru fis-sena 1709 u jaf li l-antenati tiegħu kienu Balzanin, iħossu kburi li l-kunjom tiegħu kien daħal f'din il-parroċċa u baqa' għaddej minn nisel għal nisel għal 274 sena.

U issa biex ma ntawlux, sejrin nagħmlu qabża ta' 69 sena u nkomplu naraw kemm kienet il-popolazzjoni, kemm kien hawn kunjomijiet differenti, liema kunjomijiet l-aktar li ddominaw u kemm familji kellhom dawk il-kunjom partikulari.

Sena 1888

Popolazzjoni: 880

Abdilla 1 Agius 2; Apap 2; Attard 1; Azzopadi 8; Baldacchino 2; Bonello 3; Bonett 1; Bonnici 4; Borg 5; Briffa 2; Brincat 5; Brunol Bugeja 3; Cachia 1; Calleja 4; Callus 1; Camilleri 4; Cardona 2; Caruana 2; Casha 1; Cauchi 4; Chetcuti 6; Cilia 2; Ciantar 1; Cortis 1; Cutajar 2; Debono 11; Demarco 1; Demicoli 2; Dingli 6; Duca 1; Ebejer 5; Engerer 1; Falzon 9; Fenech 3; Frendo 3; Galea 3; Gambin 1; Gauci 3; Grech 3; Grima 2; Grixti 1; Machenzie 1; Mallia 3; Manduca 3; Micallef 7; Mifsud 4; Muscat 12; Pace 1; Parnis 2; Piseni 3; Pullicino 2; Rapinett 2; Sammut 12; Sant Manduca 1; Sceberras 2; Schembri 2; Scicluna; 2; Sghendo 1; Spiteri 2; Stivala 3; Tanti 1; Vassalli 1; Vassallo 3; Vella 1; Whard 1; Zammit 6; Zarb 4. (13)

Fis-sena 1888, l-aktar li ddominaw kienu l-kunjomijiet Muscat u Sammut, għax kien hawn 12-il familja li kellha l-kunjom Muscat u 12 oħra li kellha l-kunjom Sammut. Kien hawn ukoll 11-il familja bil-kunjom Debono. F'dik is-sena kien hawn 69 kunjom differenti.

Sena 1899

Popolazzjoni: 1090

Abdilla 1; Agius 1; Apap 1; Attard2; Azzopardi 7; Baldacchino 1; Bonello 1; Bonnet 1; Bonnici 2; Borg 5; Borg Olivier 1; Briffa 2; Brincat 6; Bruno 2; Bugeja 6; Buhagiar 1; Cachia 1; Calleja 5; Callus 1; Camilleri 9; Cardona 1; Caruana 2; Cassar 1; Cauchi 2; Chetcuti 8; Ciappara 1; Ciappelle 1; Ciantar 1; Cutajar 4; Darmanin 1; Debono 9; Demarco 2; Demicoli 3; Dingli 5; Tbejer 4; Engerer 1; Falzon 9; Farrugia 1; Fenech 4; Frendo 3; Gafa 1; Galea 3; Gauci 2; Grech 2; Grima 1; Grixti 2; Mallia 4; Manduca 2; Mangion 2; Micallef 6; Mifsud 5; Muscat 15; Pace 4; Parnis 4;Pirotta 1; Pisani 4; Pizzuto 1; Pullicino 2; Sammut 15; Sant 1; San Filippo 1; Scalpello 1; Schembri 1; Sciberras 2; Scicluna 3; Sghendo 1; Spiteri 3; Stivala 5; Vassallo 4; Vella 3; Tabone 1; Tanti 1; Waters 1; Xuereb 1; Zahra 1; Zammit 8; Zarb 2 (14)

Fis-sena 1889 kien hawn 77 kunjom differenti. Il-kunjomijiet Muscat u Samumt iddominaw fost il-kunjomijiet ta' Hal Balzan. Insibu 15-il familja bil-kunjom Muscat u tant ieħor bil-kunjom Sammut. Wara jiġu l-kunjomijiet: Camilleri, Debono u Falzon li kien hawn 9 familji għal kull kunjom. Wara nsibu li kien hawn 8 familji li kellhom il-kunjom Chetcuti. U 8 oħra li kellhom il-kunjom Zammit.

---

9 Ibid. Cit.
10. Ibid Cit.
11. Ibid Cit.
12. Ibid Cit.
13. Liber Status Animarum 1887 — 1888 No. 53 Ark Parr.
14. Liber Status Anilmarum 1899 — 1902 No. 75 Ark. Parr.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Wara l-vaganzi tas-sajf, erġajtu bdejtu sena oħra ta' skola. Uħud minnkom waslu fl-aħħar snin ta' l-iskola primarja, oħrajn bdew l-iskola sekondarja għall-ewwel darba, oħrajn waslu fl-aħħar tas-sekondarja u qed jippreparaw ruħhom biex jersqu għal eżamijiet li minnhom jiddependi l-futur tagħhom. Hu x'inhu, għal kull wieħed u waħda minnkom is-sena ta' l-iskola hija sena ta' l-akbar siwi, hija ħolqa minn sensiela ta' ħoloq li flimkien jiffurmaw il-katina ta' l-edukazzjoni li tagħmel minnkom irġiel u nisa edukati, li tkunu kapaċi tagħmluha man-nies, tkunu tafu titkellmu u ġġibu ruħkom tajjeb, irġiel u nisa li tagħtu sehemkom fl-iżvilupp tal-pajjiż.

Tfal, biex dan iseħħ, l-iskola tridu toħduha bl-akbar serjetà. Tridu ma tfallux, tridu toqogħdu attenti għallezzjonijiet, tridu tagħmlu l-'homework' dejjem u tagħmluh kollu, tridu tistudjaw u tagħmlu ħilitkom kollha. Iż-żmien li tgħaddu fit-tagħlim u l-istudju m'huwiex żmien moħli u meta tikbru għad tberkuh.

Iżda l-iskola weħidha m'hijiex biżżejjed, anzi ma jiswa xejn li tkunu tajbin fl-iskola jekk tittraskuraw doveri oħra. Aħna nsara, u bħala nsara għandna doveri li jiġu l-ewwel u qabel kollox. Ħafna minnkom, anzi x'aktarx ilkoll kemm intom, quddiesa kuljum ma kontux tfalluha fil-vaganzi tas-sajf. Qisu li din id-drawwa qaddisa tkompluha fil-jiem ta' l-iskola. Fil-Parroċċa tagħna għandna quddies fil-għodu u fil-għaxija f'ħinijiet li huma komdi ħafna għalikom it-tfal. Naf ukoll li ħafna minnkom ikollhom il-quddiesa l-iskola. Il-lezzjoni tad-duttrina qisu li ma tfalluha qatt, għaliex it-tagħlim nisrani huwa l-pedament ta' kull tagħlim ieħor. It-tagħlim tad-duttrina qisu li ma jiqafx malli tagħmlu l-Griżma, imma jrid jitkompla għax aktar ma tikber aktar jeħtieġ li titgħallem.

Tfal, nawguralkom sena mimlija ġid u ferħ, sena mimlija riżultati sbieħ, sena ta' suċċessi, biex tkunu kuntenti intom u tferrħu lill-ġenituri tagħkom, li tant jagħmlu sagrifiċċji għalikom.

KOMPETIZZJONI

Tfal,

Għandna naħsbu li intom ilkoll tafu bil-miġja li għamel fostna l-Kardinal Rappreżentant tal-Papa Ġwanni Pawlu Tnejn bejn is-16 u d-19 ta' Settembru li għadda. Għandna naħsbu, li mhux biss smajtu bil-Kardinal, iżda nissopponu li ħafna u ħafna minnkom rawh ukoll, jew għaddej mir-raħal tagħna jew inkella f'xi waħda mill-funzjonijiet li għamel fil-gżejjer tagħna. X'kienet l-okkażżjoni tal-miġja ta' dan il-Kardinal? Naħsbu li tafu wkoll li fix-xahar li semmejna f'Malta saru żewġ Kungressi. Ta' l-ewwel il-Kungress Marjoloġiku Internazzjonali li għalih attendew diversi isqfijiet u persuni distinti barranin, l-ieħor il-Kungress Marjan. Għalhekk tkun ħaġa xierqa li l-kompetizzjoni ta' din il-ħarġa jkollha x'taqsam ma' dawn il-Kungressi.

Mela kull ma għandkom tagħmlu hu li tirrispondu l-mistoqsijiet li ġejjin.

1. X'jismu l-Kardinal Rappreżentant tal-P a p a Ġwanni Pawlu II li ġie Malta?
2. Fejn saret il-funzjoni l-kbira li fiha qaddes il-Kardinal f'Malta?
3. Fejn saret il-funzjoni f' Għawdex?
4. Kemm ilu li Karmena mill-Għarb ta' Għawdex semgħet leħen il-Madonna?
5. Lil min huwa ddedikat is-Santwarju fejn instema leħen il-Madonna?

Bħas-soltu ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelope magħluq u indirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel jew impustawh intom stess fil-letter box ta' l-istess Każin. Għandhom żmien sa nhar is-Sibt 10 ta' Diċembru 1983.

X'GARA FIL-MUNDIAL TAL-FOOTBALL '82

(Jaqbad minn paġna 2)

Belġju	1	Ungerija	1	Elche

Skorjaw: Czerniatinski għall-Belġju
Varga għall-Ungerija

Arġentina	2	El Salvador	0	Alicante

Skorjaw: Passarella (pen) Bertoni

Klassifika

	L	R	D	T	F	K	Pti
BELĠJU	3	2	1	0	3	1	5
ARĠENTINA	3	2	0	1	6	2	4
Ungerija	3	2	0	1	6	2	4
El Salvador	3	0	0	3	1	13	0

GRUPP III

Ingilterra 3 Franza 1 Bilbao
Skorjaw: Robson 2, Mariner għall-Ingilterra
Soler għal Franza
Ċekoslovakkja 1 Kuwajt 1 Valladolid
Skorjaw: Panenka (pen) għaċ-Ċekoslovakkja
Al Dakhil għall-Kuwajt
Ingilterra 2 Ċekoslovakkja 0 Bilbao
Franza 4 Kuwajt 1 Valladolid
Skorjaw: Genghini, Platini, Six Bassis għallFranza
Al-Balgushi għall-Kuwajt
Franza 1 Ċekoslovakkja 1 Valladolid
Skorjaw: Six għal Franza
Panenka (pen) għaċ-Ċekoslovakkja
Ingilterra 1 Kuwajt 0 Bilbao
Skorja: Francis

Klassifika

	L	R	D	T	F	K	Pti
INGILTERRA	3	3	0	0	6	1	6
FRANZA	3	1	1	1	5	5	3
Ċekoslovakkja	3	0	1	2	2	6	1
Kuwajt	3	0	0	3	2	6	1

GRUPP V

Spanja 1 Honduras 1 Valencia
Skorjaw: Ufarte (pen) għal Spanja
Zelaya għall-Honduras
Jugoslavja 0 Irlanda ta' Fuq 0 Zaragoza
Spanja 2 Jugoslavia 1 Valencia
Skorjaw: Juanito (pen) Saura għal Spanja
Gudelj għall-Jugoslavja
Honduras 1 Irlanda ta' Fuq 1 Zaragoza
Skorjaw: Laing għall-Honduras
Armstrong għall-Irlanda ta' Fuq
Honduras 0 Jugoslavia 1 Zaragoza
Skorja: Petrovic (pen)
Spanja 0 Irlanda ta' Fuq 1 Valencia
Skorja: Armstrong

Klassifika

	L	R	D	T	F	K	Pti
IRLANDA TA' FUQ	3	1	2	0	2	1	4
SPANJA	3	1	1	1	3	2	3
Jugoslavja	3	1	1	1	2	2	3
Honduras	3	0	2	1	2	3	2

GRUPP VI

Brażil 2 Russja 1 Sevilla
Skorjaw: Socrates, Eder għall-Brażil
Bal għar-Russja
Skozja 5 New Zealand 2 Malaga
Skorjaw: Wark 2, Strachen, Robertson, Archbald għall-Iskozja
Summer, Woodin għal New Zealand
Brażil 4 Skozja 1 Sevilla
Skorjaw: Zico, Oscar, Falcao għall-Brażil
Narey għall-Iskozja
Russja 3 New Zealand 0 Malaga
Skorjaw: Gavrilov, Blokhin, Baltacha
Russja 2 Skozja 2 Malaga
Skorjaw: Chivadez, Sengelia għar-Russja
Jordan, Souness għall-Iskozja
Brażil 4 New Zealand 0 Sevilla
Skorjaw: Zico 2, Falcao, Serginho

Klassifika

	L	R	D	T	F	K	Pti
BRAŻIL	3	3	0	0	10	2	6
RUSSJA	3	1	1	1	6	4	3
Skozja	3	1	1	1	8	8	3
New Zealand	3	0	0	3	2	12	0

Russja għaddiet għax kellha differenza ta' goals aħjar.

IT-TIENI ROUND

GRUPP A

Polonja 3 Belġju 0 Barcelona N. Camp
Skorja: Boniek 3.
Polonja 0 Russja 1 Barcelona N. Camp
Skorja: Oganesyan
Belġju 0 Russja 0 Barcelona N. Camp

Klassifika

	L	R	D	T	F	K	Pti
POLONJA	2	1	1	0	3	0	3
Russja	2	1	1	0	1	0	3
Belġju	2	0	0	2	0	4	0

Il-Polonja għaddiet għax kellha differenza ta' goals aħjar.

GRUPP B

Ġermanja Fed. 0 Ingilterra 0 Madrid Bernabeu
Ġermanja Fed. 2 Spanja 1 Madrid Bernabeu
Skorjaw: Litbarski, Fischer għall-Ġermanja
Zamora għall-Spanja
Ingilterra 0 Spanja 0 Madrid Bernabeu

Klassifika

	L	R	D	T	F	K	Pti
ĠERMANJA	2	1	1	0	2	1	3
Ingilterra	2	0	2	0	0	0	2
Spanja	2	0	1	1	1	2	1

GRUPP C

Italja 2 Arġentina 1 Barcelona Sarria
Skorjaw: Tardelli, Cabrini għall-Italja
Passarella għall-Arġentina
Brażil 3 Arġentina 1 Barcelona Sarria
Skorjaw: Zico, Serginho, Junior għall-Brażil
Diaz għall-Arġentina
Brażil 2 Italja 3 Barcelona Sarria
Skorjaw: Socrates, Falcao għall-Brażil
Rossi 3 għall-Italja

Klassifika

	L	R	D	T	F	K	Pti
ITALJA	2	2	0	0	5	3	4
Brażil	2	1	0	1	5	4	2
Arġentina	2	0	0	2	2	5	0

GRUPP D

Awstrija 0 Franza 1 Madrid Caleron
Skorja: Genghini
Irlanda ta' Fuq 2 Awstrija 2 Madrid Caleron
Skorjaw: Hamilton 2 għall-Irlanda ta' Fuq
Pezzy, Hintermaier għall-Awstrija
Irlanda ta' Fuq 1 Franza 4 Madrid Caleron
Skorjaw: Armstrong għall-Irlanda ta' Fuq
Giresse 2, Rocheteau 3 għall-Franza

Klassifika

	L	R	D	T	F	K	Pti
FRANZA	2	2	0	0	5	1	4
Awstrija	2	0	1	1	2	3	1
Irlanda ta' Fuq	2	0	1	1	3	6	1

SEMI FINALI

Polonja 0 Italja 2 Barcelona N. Camp
Skorja: Rossi 2
Ġermanja Fed. 3 Franza 3 Sevilla
(Wara l-ħin barrani)
Skorjaw: Littbarski, Rummenigge, Fischer għall-Ġermanja
Platini (pen) Tresor, Giresse għall Franza

Il-Ġermanja għaddiet wara li ngħataw il-penalties.

PARTITA GHAT-TIELET U R-RABA' POST

Polonja 3 Franza 2 Alicante
Skorjaw: Szarmak, Majewski, Kupcewicz għall-Polonja
Girard, Couriol għall-Franza

FINALI

Italja 3 Ġermanja Fed. 1 Madrid Bernabeu
Skorjaw: Rossi, Tardelli Altobelli għall-Italja
Breitner għall-Ġermanja

KLASSIFIKA FINALI

1. ITALJA
2. Ġermanja Fed.
3. Polonja
4. Franza

L-akbar numru ta' Goals:

Rossi (Italja)	6
Rummenigge (Ġer).	5
Boniek (Polonja)	4
Zico (Brażil)	4
Kiss (Ungerija)	3
Giresse (Franza)	3
Armstrong (Irlanda)	3
Falcao (Brażil)	3

KIF TAGHMEL SHERRY HAFIF JEW INBID TAL-LARING

INGREDJENTI:
14-il Larinġa
Gallun ilma
3 Libri zokkor
Nofs uqija ħmira.

METODU:
1. Qatta l-larinġa f'biċċiet u neħħi ż-żerriegħa.
2. Għalli l-ilma u waqt li jkun qiegħed jagħli itfgħu fuq il-larinġ u ħallih joqgħod għal tlett ijiem.
3. Wara t-tlett ijiem għaddih minn passatur u kejlu.
4. Żid iz-zokkor u l-ħmira u ħalli kollox jiffermenta f' post sħun (65% F — 67% F)
5. Meta tieqaf il-fermentazzjoni (jieqaf ibaqbaq) ħawwad sewwa.
6. Erġa' ħalli t-taħlita tlett ijiem oħra biex toqgħod.
7. Għaddi l-likwidu minn flanella nadifa biex issaffih sewwa ġo reċipjent li jrid jimtela kollu.
8. Agħlaq sewwa u ħalli għal sena.
9. Wara sena iftaħ u poġġih fi flixkun għal xi xhur oħra.

Jekk wara l-fermentazzjoni l-likwidu jkun għadu mhux ċar ħabbat abjad ta' bajda waħda u żid ma l-inbid (Abjad ta' bajda waħda hu biżżejjed għal madwar erba galluni) Ħallih għal 24 siegħa.

TRIQ IT-TLIET KNEJJES SARET "ONE WAY", JIĠIFIERI, IDDHUL MINN BALZAN VALLEY GHAL DIN IT-TRIQ ĠIE IPPROJBIT.

TURA
FILMS
TURA
DEDICATED TO
PROGRESS
TURA